# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru: 13**

**Rikors Numru: 61/07 AE**

**Maresco Trading Limited (C16709)**

**v.**

**Samir R. Raichoora**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta` attriċi fis-17 ta' Jannar, 2007 li taqra hekk:

> "1. L-attrici kienet giet inkarigata tissuplixxi u tqieghed zewg sistemi ta' airconditioners gewwa zewg appartamenti u cioe Flats 209 u 311 Town Square, Qui si Sana;
>
> "2. Illi l-oggeti u x-xoghol relattiv sar unikament a beneficcju tal-konvenut u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;
>
> "3. Illi nonostante li r-rikorrent qeda fedelment l-obbligi tiegħu, l-intimati baqghu moruzi u ghad fadlilhom jhallsu bilancjali ta' Lm9,244.06 rapprezentanti bilanc fuq il-prezz ta' merkanzija supplita kif jinghad;

“4. Illi r-rikorrent ghandu privilegg fuq l-oggett mibjugha u dan ai termini tal-artikolu 2009(d);

“5. Illi nterpellat biex ihallas il-konvenut baqa’ inadempjenti;

“6. Illi ghalhekk l-esponent talab u ottjena il-hrug ta’ mandat ta’ deskrizzjoni fuq l-oggetti suppliti u stante li l-konvenut baqa moruz l-esponent ma kellux triq ohra ghajr li jipprocedi b’din il-kawza;

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

“1. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma bilancjali ta’ Lm9,244.06 rappresentanti bilanc fuq il-prezz ta’ merkanzija mibjugha u xoghlijiet imwettqa kif jinghad f’din ic-citazzjoni;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji u kull att kawtelatorju mahrug minhabba l-fatti premessi u bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv tad-danni.”

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li in forza tagħha eċċepixxa:

“1. Illi preliminarjament il-kawza fl-ismijiet premessi ghandha titqies bhala dezerta ai termini ta’ l-artikoli 963 u 964 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu r-rikors promotur gie intavolat fis-17 ta’ Jannar 2007 u l-ewwel seduta sal-lum, ghadha lanqas biss giet appuntata.

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat ma ghandu l-ebda rabta kontrattwali mas-socjeta` attrici stante illi huwa kien qabbad lis-socjeta` “*Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited*”, b-numru ta’ registrazzjoni C23867, bhala “Tunkey Contractor”, liema socjeta` sub-appaltat xi xoghol rigward “air conditioning” lil kumpanija attrici. Illi l-intimat gja effetwa il-hlas dovut ghal-dawn ix-xogholijiet lis-socjeta` “*Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited*”, u fil-fehma ta’ l-intimat l-ebda ammont iehor ma hu dovut.

“3. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat inkariga lis-socjeta` “*Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited*” sabiex taffetwa xoghol unikament fl-appartament tieghu bin-numru 311, Town Square, Qui Sana, Sliema u ma ta l-ebda inkarigu fir-rigward ta’ l-appartament numru 209, Town Square, Qui si Sana, Sliema, liema appartament jappartjeni lil terzi.

“4. Ghaldaqstant, l-esponenti jecepixxi :

“4.1 ILLI il-kawza odjerna hija dezerta, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tieqaf milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

“4.2 ILLI fil-mertu, il-kawza tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat ma ghandu l-ebda rabta kontrattwali mas-socjeta` attrici. Ir-rabta ta’ l-intimat kienet biss ma “*Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited*” li is-subappaltat ix-xoghol lis-socjeta` attrici u li llum thallset tax-xoghol li gie effetwat.

“4.3 ILLI in ogni caso u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat ma jista qatt jkollu responsabbilta` ghal-xoghol li s-socjeta` attrici wettqet fl-appartament numru 209, Town Sqaure, Qui si Sana, Sliema.

“Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

“Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta` attriċi.”

Rat illi b’sentenza tas-27 ta’ Ottubru, 2009, l-ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta’ Settembru, 2012, li in forza tagħha iddeċidiet il-kawża billi:

“1. Tichad it-tieni eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

“2. Tilqa’ l-eccezzjoni numru 4.3 u tichad it-talba tal-attrici fir-rigward tal-hlas li qeghda tippretendi ghall-bejgh ta’ airconditioners li tpoggew fl-appartament numru 209, Town Square, Qui si Sana in kwantu l-attur m’huwiex il-legittimu kontradittur. Ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu l-kawza tikkoncerna hlas relatat mal-bejgh ta’ airconditioners ghall-appartament numru 209.

“3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta’ tmintax-il ewro u sbatax-il centezmu (€18.17) bl-imghax min-notifika tar-rikors guramentat.

“Spejjez a karigu tal-attrici.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"1. F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob hlas ta' €21,532 bhala bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' airconditioners li tpoggew f'appartamenti numru 209 u 311, Town Square, Qui si Sana. Il-konvenut isostni li m'ghandux relazzjoni guridika mal-attrici u li l-hlas ghandu jsir minn Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Limited li kienet giet inkarigata bhala turnkey contractor biex taghmel xoghol fl-appartament numru 311. Qal ukoll li l-hlas kien diga' ghamlu lill-imsemmija kumpannija. In sostenn tad-difiza tieghu il-konvenut ipprezenta, flimkien mat-twegiba guramentata, ittra datata 6 ta' April 2005[1] li ntbaghatet lilu minn Creations bi stima tax-xoghol li kellu jsir fl-appartament tieghu. **Fil-lista tad-dokumenti, il-konvenut iddikjara li l-ittra kienet giet accettata minnu[2]**. Ix-xoghol jinkludi air-conditioning bi stima ta' Lm11,216[3].

"2. Wara li l-qorti kellha l-opportunita li tisma' lill-partijiet jaghtu x-xhieda taghhom u rat ukoll id-dokumenti, hi tal-fehma l-ittra tas-6 ta' April 2005 hi fiha nnifisha prova li l-hlas dwar l-airconditioners kellu jsir mill-konvenut. Fil-fatt fil-parti *"Exclusions"* jinghad hekk:-

> ***"Payment Terms for Air-conditioning to be discussed with Maresco (Trading) Ltd."***.

"Il-qorti hi tal-fehma li ma kienx ser isir dak in-notament jekk ir-relazzjoni guridika kienet bejn Maresco u Creations, u l-konvenut ma kellu l-ebda involviment. Il-konvenut ma offra l-ebda spjegazzjoni dwar dan. F'dan ix-xenarju l-qorti ma temminx dak li qal il-konvenut, cjoe': *"At no point in time did I ever turn into an agreement whether verbal or written with Maresco.......My only agreement was with Creations."*[4]. F'dan ir-rigward kien xehed ukoll Clint Busuttil, impjegat tal-attrici, li qal:-

> *"Il-konvenut qed naghrfu prezenti llum fl-awla. Il-konvenut talabni ghal xi stimi. Hdimthomlu flimkien mal-principal Raymond Galea, konna ltqajna wkoll u niftakar lis-sur Galea ifiehem il-quotations lill-konvenut. Ma jidhirlix li l-istimi li kont ghamilt ghaddejthom lil haddiehor."*[5].

"Hu minnu li Raymond Galea, direttur tal-kumpannija attrici, ikkonferma li kien ircieva tliet pagamenti ta' Lm2,000 kull wiehed

[1] Fol. 39.
[2] Fol. 38.
[3] Fol. 40.
[4] Fol. 132.
[5] Fol. 129.

minghand Creations[6]. Pero l-qorti hi moralment konvinta li dawn il-hlasijiet kienu qeghdin isiru minn Creations bhala mandatarja tal-konvenut, u xejn iktar. Dan iktar u iktar meta tqies li l-konvenut stess qal li f'dak iz-zmien kien qieghed ighix il-Gappun; *"I was not supervising the works carried out in my property by the various subcontractors."*[7]. Fil-fatt jirrizulta li fl-4 ta' Frar 2006 il-konvenut innifsu kien ghamel hlas ta' Lm2,500. F'dan ir-rigward il-konvenutipprezenta kopja ta' cekk datat 2 ta' Frar 2006 ghas-somma ta' Lm2,500 li hareg favur Maresco[8]. Ghalkemm xehed li dan ic-cekk inhareg waqt laqgha li saret fl-ufficcju ta' Creations u fuq talba ta' Andrew Camilleri; *"From what I understand, Mr Galea, from Maresco wanted some funds. Mr Camilleri asked me, instead of issuing a cheque in my name, you issue it in the name of Maresco, so that payment is effected without delay, otherwise it would first be cleared through Creations and this would take a good week. I found no problem with this....."*[9]. Il-qorti ssibha difficli li temmen li Andrew Camilleri irrakkonta dan lill-konvenut biex jiggustifika ghalfejn ic-cekk kellu johrog f'isem Maresco, u li l-konvenut emmnu. Jekk il-ftehim kien ma' Creations, il-konvenut ma kellu qatt johrog ic-cekk f'isem Maresco. Il-konvenut xehed quddiem il-qorti u hu evidenti li hu ragel li jaf l-affarijiet tieghu. Il-qorti m'ghandix dubju li l-konvenut jaf li ma kien ser jaghmel l-ebda differenza l-fatt li c-cekk jinhareg f'isem Creations, gialadarba il-flus kienu ser jittiehdu mill-kont tieghu. Kull ma kellu jsir hu li Andrew Camilleri, ghal Creations, kif jinghata c-cekk, dak il-hin jiggira c-cekk lil Maresco.

"3. Tibqa' l-kwistjoni dwar l-ammont li qeghda tippretendi l-attrici. Sabiex l-attrici tirnexxi fit-talba trid taghti prova li l-hlas hu dovut kollu mill-konvenut. Qieghed jinghad hekk ghaliex hu evidenti li nxtraw airconditioners ghal zewg appartamenti, 311 (tal-konvenut) u 209 (ta' certu Michael Nagata). Il-qorti qeghda tifhem li Creations kienet inghatat appalt fir-rigward taz-zewg appartamenti. Raymond Galea, direttur tal-kumpannija attrici, qal li qatt ma ltaqa' mas-sid tal-appartament numru 209. Kien wara li l-attrici ghalqet il-provi li Raymond Galea allega li l-konvenut kien *"....talbu jzid il-prezz fuq l-appartament tat-terza persuna sabiex jiehu commission."*. Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2012 Galea xehed:-

> *"Ghal dak li jikkoncerna iz-zewg appartamenti li dwarhom sar xogholijiet u li qed nippretendi il-hlas, jien ftehmt mal-konvenut. Fir-rigward ta' l-appartament tieghu ghas-somma ta' Lm7210, u fir-rigward ta' l-appartament ta' Michael Nagata is-somma ta' Lm7,557. Prezenti wkoll kien hemm Clint Busuttil impjegat tal-kumpannija tieghi. Minn naha tieghu il-konvenut ried commission. Ried li l-kont ta' Nagata jitla' ghas-somma ta' Lm11,656 u riedni*

[6] Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012 iddikjara: *"A fol. 21 hemm il-kont bil-pagamenti akkont li rceviet Maresco, l-ewwel tliet pagamenti rcevihom minghand Creations."* (fol. 151). Ara wkoll rendikont datat 23 ta' Ottubru 2006 (fol. 21).
[7] Fol. 132.
[8] Fol. 149.
[9] Fol. 154.

> *wkoll nonfoh il-prezz li tlabt lilu biex juri l-istess dokument lil dan Nagata. Is-somma hi ta' Lm11,216 fir-rigward tal-kont ta' Raichoora........ Imma ghandi wkoll notament fuq l-istess kont ta' Raichoora fil-parti ta' taht, Less amount from Mr. Michael Lm4096 u dan jaghti c-cifra ta' Lm3114. Mill-flus li jaghtini l-iehor, kellu jitnaqqas mill-prezz ta' Raichoora. Mistoqsi mela hu, cioe' Nagata kellu jtik il-flus, nghid li le, Raichoora kellu jaghtini il-flus. Jien lil din il-persuna qatt ma rajtha b'ghajnejja."*.

"Fil-fehma tal-qorti dan il-kaz hu ezempju klassiku ta' kif m'ghandux isir in-negozju. Meta imbaghad jinqalghu l-problemi in-nies jigu quddiem il-qorti u jippretendu li ghandha tholl il-kobba li jkunu dahlu fiha bla bzonn. Hu fl-interess tal-kummercjant li jara li l-affarijiet isiru sew mill-bidunett.

"Jirrizulta li Maresco kienet ghamlet zewg stimi, wahda ghall-attur (5 ta' April 2006)[10] u l-ohra ghal Michael Nagata[11]. L-appartament numru 209 m'huwiex proprjeta tal-konvenut. Ghalhekk hi skoretta l-premessa tal-attrici li fuq hi mibnija l-kawza li *"l-oggetti suppliti u x-xoghol relattiv sar unikament a beneficcju tal-konvenut u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza."*[12]. Jekk verament kien sar ftehim sabiex il-konvenut jiehu *commission* fuq l-*airconditioners* li nbieghu lil Nagata, hi xi haga li jafu l-partijiet biss. Li jinteressana hu jekk il-konvenut huwiex responsabbli li jhallas ghall-units li tpoggew fil-proprjeta ta' haddiehor.

"Skond l-Artikolu 1871 tal-Kodici Civili:-

> *"(1) Meta l-mandatarju jkun agixxa fl-isem tieghu nnifsu, il-mandant m'ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn m'ghandhom azzjoni kontra l-mandant.*
>
> *"(2) Izda, f'dan il-kaz, il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li maghha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tieghu nnifsu."*.

"Fil-fehma tal-qorti ma tressqitx prova li tikkonvinci lill-qorti li l-konvenut kien ikkuntratta f'ismu personali ghax-xiri ta' airconditioners li tpoggew fl-appartament ta' Nagata, jew li f'xi zmien wara sehh ftehim li wassal ghal novazzjoni *ex parte debitoris*. Ghalkemm Galea qal li qatt ma kien iltaqa' ma' Nagata, ma jfissirx li l-hlas hu dovut mill-konvenut. Tant kien car li l-konvenut kien qieghed jidher fl-interess ta' terza persuna li l-istima ma nhargitx f'ismu. Galea ma ta l-ebda spjegazzjoni ghalfejn l-istima saret f'isem dan Michael, u ma tressqet l-ebda prova li wara gara xi haga li biha nbidel l-arrangament. Ir-raguni tghidlek li wahda mill-istimi harget f'isem Michael proprju minhabba l-fatt li l-konvenut kien qieghed jidher ghaliha u dik l-istima

[10] Fol. 4.
[11] Fol. 12.
[12] Paragrafu 1 – fol. 1.

ma kenitx ghalih. Jekk kif xehed Galea kien hemm arrangament li l-konvenut jinghata commission minn fuq il-bejgh li sar lil Nagata, hu stess qal: *"**Mill-flus li jaghtini l-iehor**, kellu jitnaqqas mill-prezz ta' Raichoora."*[13]. F'dan ix-xenarju m'huwiex bizzejjed li Galea jillimta ruhu li jghid li l-konvenut kellu jaghtih il-flus[14], u l-qorti hi tal-fehma li l-konvenut ghandu ragun ighid:-

> *".....l-intimat ma jista qatt jkollu responsabbilta ghal-xoghol li s-socjeta attrici wettqet fl-appartament numru 209, Town Square, Qui si Sana, Sliema."*[15].

"4. Il-hlas dovut mill-konvenut skond l-istima li harget Maresco hu ta' Lm7,210 li mieghu jrid jizdied il-VAT, cjoe' Lm8,507.8 (€19,817.84) b'kollox. Mir-rendikont jirrizulta li sar hlas ta' Lm8,500 (€19,799.67), u ghalhekk fadal biss bilanc ta' €18.17 li hu dovut mill-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata tat-18 ta' Settembru 2012 fl-ismijiet premessi billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-intimat appellat, tħassar is-sentenza appellata fil-bqija tagħha u b'hekk tiċħad l-eccezzjonijiet l-oħra kollha tal-intimat appellat u tilqa' t-talba tal-attriċi appellanti, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta tal-konvenut li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell interpost mis-soċjeta` appellanti għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu u d-deċiżjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti datata 18 ta' Settembru, 2012, għandha tiġi ikkonfermata fl-intier tagħha; Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellanti;

[13] Seduta 30 ta' Marzu 2012.
[14] Seduta 30 ta' Marzu 2012.
[15] Ara risposta guramentata.

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawża s-soċjeta` attriċi qed titlob ħlas tal-bilanċ ta' prezz fuq żewġ sistemi ta' *airconditioners* ġewwa żewġ appartamenti numri 209 u 311 fi Qui Si Sana. Il-konvenut ressaq zewġ eċċezzjonijiet prinċipali: (i) li hu ma daħalx f'rabta kontrattwali mas-soċjeta` attriċi, għax kien qabbad lis-soċjeta` the Ultimate in Bathroom Elegance Ltd. bħala *turnkey contructor* u (ii) li, f'kull każ, hu mhux proprjetarju u mhux responsabbli għax-xogħlijiet li saru fl-appartament numru 209. L-ewwel Qorti caħdet l-ewwel eċċezzjoni wara li sabet li l-konvenut kien daħal f'relazzjoni diretta mas-soċjeta` attriċi għall-installazzjoni tal-*units* fl-appartament tiegħu, pero`, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut wara li sabet li l-istess konvenut ma ntrabatx personalment għall-ħlas tax-xogħol li sar fl-appartament l-ieħor, li hu ta' ċertu Michael Nagata.

Is-soċjeta` attriċi appellat mis-sentenza u qed titlob ir-riforma tas-sentenza tal-ewwel Qorti biex tiġi miċħuda wkoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut.

Ma sar ebda appell minn ebda naħa mill-parti tas-sentenza fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

Trattat il-meritu marbut mal-aggravju relatat mat-tieni eċċezzjoni, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fejn din sabet li mill-provi, ma jirriżultax li l-konvenut assuma personalment obbligu li jħallas għax-xogħlijiet li kellhom isiru fl-appartament li mhux tiegħu. Aġent li jaġixxi għan-nom tal-prinċipal tiegħu, ma jassumi l-ebda responsabbilita` personali. Mill-provi jidher ċar li l-konvenut sa mill-bidu nett kien qed jitkellem f'isem Michael Nagata u mhux f'isem tiegħu innifsu, tant li l-istimi li ħarġet is-soċjeta` attriċi, ħarġu waħda fuq isem il-konvenut u l-oħra fuq isem dan Nagata. Dan tal-aħħar ma kienx Malta fiż-żmien in-negozjati, u tkellem għalih il-konvenut, tant li dan tal-aħħar ippretenda kummissjoni tal-inkarigu li kien qed iwettaq. Ir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi ammetta li kellu jieħu flus mingħand "*l-ieħor*" (mhux il-konvenut) u ma jistax, issa, għax ma jafx fejn joqgħod dan Michael Nagata, jipprova jdur fuq il-konvenut għall-ħlas ta' xi ħaġa li ma saritx, kif allegat, a benefiċċju tal-konvenut, iżda a benefiċċju ta' terzi.

Is-sentenza **Aġent Direttur tal-Portijiet v. Mamo noe**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-5 ta' Diċembru 1984, u li għaliha saret referenza mis-soċjeta` appellanti, ma hi ta' ebda għajnuna għaliha. F'dik il-kawża jingħad li l-mandatarju jista' jiġi mħarrek "*f'isem il-mandant tiegħu*" fuq kwistjonijiet li jolqtu l-mandat. F'dan il-każ pero`, il-konvenut tħarrek f'ismu personali. Fil-kawża s-soċjeta` attriċi tallega li x-xogħol sar a benefiċċju ta' persuna waħda, il-konvenut, u darba jirriżulta li x-xogħol sar għal żewġ persuni, ma jistax l-istess persuna jiġi ikkundannat għax-xogħol kollu li wettqet is-

soċjeta` attriċi fiż-żewġ appartamenti. Tinterpreta kif tinterpreta l-premessi tas-soċjeta` attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha, jibqa' l-fatt li l-konvenut ma jistax jiġi ikkundannat personalment għax-xogħol li twettaq f'appartament li mhux tiegħu u li għalih ma assuma ebda responsabbilita`.

Għar-rigward l-aggravju marbut mal-imgħax, din il-Qorti ma tarax li hawn si tratta minn obbligazzjoni kummerċjali. Hawn si tratta minn negozju bejn kummerċjant u persuna li riedet *aircondition unit* fl-appartament li toqgħod fih – almenu ma jirriżultax mod ieħor. Darba hu hekk, l-imgħax ma jiddekorrix mill-mument tal-konsenja, iżda wara interpellazzjoni ġudizzjarja kif stabbiliet l-ewwel Qorti.

Dwar l-appell mill-ispejjeż, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti mxiet korrettement u ma hemm xejn x'jiġi modifikat.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-soċjeta` attriċi billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mis-soċjeta` attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df